MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 42/2005

**Sterling Car Rentals Limited (C 9362)**

**Vs**

**Anthony u Carmen konjugi Formosa**

**Avviz numru 42/05 JAB**

Il-Qorti:

Rat l-avviz li bih is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jizgombraw mill-flats bin-numri 7 u 8 fil-Blokk Helen Flats, Triq Emmanuel Galizia Street, Ta` Xbiex fi zmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jhallsu s-somma kumplessiva ta` elf sitt mija u disgha u tletin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1,639.61) in kwantu ghas-somma ta` seba` mija u disghin Liri Maltin (Lm790) rapprezentanti arretrati ta` kera dovuti ghall-imsemmija flats u ghall-garaxx bin-numru 15, Emanuel Galizia Street, Ta` Xbiex, in kwantu ghas-somma ta` erba` mitt Liri Maltin

(Lm400) rapprezentanti kumpens ghall-okkupazzjoni illecita ta` l-imsemmija flats ghall-perjodu bejn Settembru u Dicembru, 2004 u in kwantu ghas-somma ta` erba` mija u disa` u erbghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm449.61) rapprezentanti arrettrati ta` hlas ta` kontijiet tad-dawl u ilma ghall-perjodu bejn it-3 ta` Gunju u 29 ta` Settembru, 2004 in oltre ghas-somma illi ghad trid tigi likwidata rapprezentanti kumpens ghall-okkupazzjoni illecita minn Jannar, 2005 sad-data ta` l-izgumbrament effettiv u kontijiet ta` dawl u ilma mit-30 ta` Settembru, 2004 sad-data ta` l-izgumbrament effettiv ta` l-imsemmija flats.

Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti kontra l-konvenuti nkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 23 ta` Settembru, 2004 kif ukoll dawk tal-mandat ta` sekwestru, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta` l-istess konvenuti (fol. 9 tal-atti) u li biha esponew bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici ghall-hlas ta` arretrati ta` kera u ghall-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhux dovut.

Illi rigwardanti t-talba ta` kontijiet ta` dawl u ilma din ghandha tigi michuda wkoll ghaliex dawn qed jithallsu mill-konvenuti direttament lill-korporazzjonijiet relattivi u fil-fatt il-bilanc dovut illum huwa ferm inqas.

Illi l-konvenuti qatt ma gew infurmati ufficjalment illi l-kirja kienet intemmet u ghalhekk kemm it-talba ghal zgumbrament u kif ukoll it-talba ghal kumpens ta` okkupazzjoni ghandhom jigu michuda stante intempestivita`.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verballizzat a fol. 13 ibid:

Ikkunsidrat

Illi jinghad minnufih, illi kif jidher mill-istess atti l-konvenuti ma ressqu ebda hjiel ta` prova in sostenn ta` dak eccepit minnhom.

Illi, inoltre, kif jidher mill-verbal a fol. 13 ibid), il-Qorti kienet giet informata mill-istess socjeta` attrici illi l-konvenuti kienu taw lura c-cwievet tal-post in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta` attrici, gie prodott Charles Mifsud, il-“managing director” taghha (fol. 16 u fol. 20 et seq ibid u dan beda biex jghid illi s-socjeta` kif rapprezentata minnu kienet kriet lill-konvenuti z-zewg appartamenti u “garage” in kwistjoni skond l-iskrittura, esebita “in fotocopia” a fol. 23 u fol. 25 ibid u li huma datati l-14 ta` Mejju, 2001, u skond l-kondizzjonijiet hemm inklusi u miftehma. Skond l-istess ftehim rispettiv bil-miktub il-kera kellha tithallas kienet ta` hamsin liri Maltin (Lm50) bix-xahar pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem, li l-konvenuti kellhom jhallsu l-kontijiet kollha ta` dawl u ilma kif wkoll “meter fees” oltre “1/8 share of electricity and maintenance of common parts u li s-socjeta` attrici kellha d-dritt “ipro jure” li tittemma din il-kirja f`log li l-konvenuti jiksru xi kundizzjonijiet kif miftehma u li huma ma jhallsux zewg rati konsekuttivi ta` kera jew ammont ekwivalenti, oltre li ma jhallsux xi ammont dovut ghall-konsum ta` ilma u elettriku jew bhala “meter fees”. L-istess xhud ezebixxa wkoll prospett (fol. 18 ibid) u li fih hemm spjegat l-ammont kollu dovut a bazi ta` l-avviz in ezami, b`kollox Lm2,720.80.

Illi l-istess xhud esebixxa, wkoll, vera kopja ta` ittra ufficcjali prezentata kontra l-konvenuti fit-23 ta` Settembru, 2004 u li permezz taghha gew interpellati sabiex jhallsu s-somma hemm specificata u dovuta tad-data ta` l-istess prezentata (ara fol. 22 ibid) kif jidher “a

tergo", l-istess att kien gie notifikat lill-konvenuti fl-1 ta` Ottubru, 2004.

Ikkunsidrat

Illi l-istess xhud, in konferma ta` dak gia` premess, specifika li l-konvenuti kienu hargu mill-postijiet mikrijin lilhom fl-10 ta` Novembru, 2005.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. Pero` jidher illi li ma hemmx aktar htiega li tigi deciza t-talba ghall-izgumbrament ta` l-istess konvenuti mill-postijiet in esami u dik sabiex jigi ffissat zmien ghall-istess zgumbrament u dan peress li l-konvenuti hargu mill-postijiet in esami u taw lura c-cwievet kollha relattivi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-izgumbrament ta` l-istess konvenuti fi zmien qasir u perentorju li kellu jigi ffissat mill-istess Qorti, tilqa` t-talbiet rimanenti u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta` Lm2720.18,0 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta` Settembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-23 ta` Settembru, 2004, kif wkoll dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtellatorju msemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------